MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 191/2005

**Helga armla ta' Carlo Carabott u bintha Charlotte Carabott xebba**

**vs**

**Angelo Abela**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Jannar, 2005 fejn intalbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tlett mija u hamsin lira (Lm350.00) in kwantu ghal mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250.00) bhala rifuzjoni ta' nofs l-ispejjez tal-hitan divizorji tal-fond Carlhelg, 313 Flat 3, Zabbar Road, Fgura, proprjeta` tal-atturi, li l-konvenut irrenda komuni meta pprattika appogg maghhom minn fond tieghu flimkien ma' nofs id-drittijiet professjonali tal-perit, skond kejl u konteggi li saru mill-AIC Johann**

**Farrugia (Dok.A) u in kwantu ghal mitt lira (Lm100.00) bhala danni li garrab l-imsemmi fond tal-atturi bhala konsegwenza tax-xogholijiet li saru mill-konvenut kif iccertifika l-istess AIC Johann Farrugia (Dok.B).**
**Oltre is-sorte, il-konvenut ghandu jhallas l-ispejjez tal-kawza li jinkludu l-ispejjez tal-ittra interpellatorja tat-30 ta' Awissu, 2004 u dawk tal-ittra ufficjali (b'notifika wahda) tal-4 ta' Ottubru, 2004, flimkien ma' l-imghax legali mill-4 ta' Ottubru, 2004 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fid-9 ta' Frar, 2005, fejn intqal:**
**i. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi d-dritt tal-appogg tieghu ma jammontax ghal aktar minn mitejn lira maltin (Lm200.00) u l-konvenut dejjem kien lest ihallas l-istess.**
**ii. illi huwa mhuxresponsabbli ghad-danni lamentati stante illi huwa ma kkawza l-ebda hsarat lill-attrici.**
**iii. Salv eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda tal-Perit Johann Farrugia, Charlotte Carabott u Angelo Abela. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ra l-verbal tat-28 ta' Gunju, 2005, fejn gie mghoddi cheque lill-attrici da parti tal-konvenut fis-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250.00) liema cheque ikopri l-ewwel parti tat-talba, pero` baqghu ikkontestati d-danni fl-ammont ta' mitt lira (Lm100.00). L-attur da parti tieghu irriduca t-talba ghall-mitt lira (Lm100.00) salv u impregudikat id-dritt ghall-ispejjez u ghall-imghax fuq it-total.**

**Ikkunsidra:**
**1. In vista tal-verbal tat-28 ta' Gunju 2005, fuq imsemmi, il-kaz gie jirrigwarda principalment l-allegati danni li garrbu l-atturi meta inbena l-hajt tal-appogg.**
**2. Skond c-certifikat tal-Perit Johann Farrugia, Dok.B (Dok.ZM2) mahrug fit-3 ta' Lulju, 2004 ix-xoghol**

**ta' tiswija jinvolvi: "…the raking out of joints, new repointing and a general paint system to the wall."**

**3. Il-Perit Farrugia fid-deposizzjoni tieghu spjega kif wasal ghhall-ammont tad-danni. Spjega li kien hemm xi erba' jew hames gebliet li kellhom jergghu jitqieghdu f'posthom, u apparti minn dan kellu jinzzebagh il-kuritur kollu. Il-konvenut mhux qed jichad dan, pero` jghid li offra li jaghmel ix-xoghol hu.**

**4. It-Tribunal hut al-fehma li l-atturi kellhom kull dritt li ma jaccettawx li jirrangalhom il-konvenut. L-importanti hu li jergghu jitqieghdu ghall-kif kienu qabel ma garrbu id-danni. B'dana ukoll li jimminimizzaw id-danni. F'dan i-kuntest it-tribunal hu soddisfatt li l-atturi fil-fatt hekk ghamlu. Ghalhekk it-talba taghhom dwar id-danni hi gustifikata.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici fir-rimanenti somma ta' mitt lira Maltin (Lm100.00), u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi l-imsemmija soma ta' mitt lira maltija (Lm100.00) bl-imghax legali mill-4 ta' Ottubru, 2004 sad-data tal-effettiv pagament.**
**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk tal-tal-ittra interpellatorja tat-30 ta' Awissu, 2004 u dawk tal-ittra ufficjali (b'notifika wahda) tal-4 ta' Ottubru, 2004, ghandhom kollha jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------